**ID-DIPARTIMENT TAT-TMEXXIJA**

**TAL-KURRIKULU**

**(IT-TAQSIMA TAL-MALTI)**

**U**

**L-BIBLIJOTEKA NAZZJONALI TA' MALTA**

# MIXJET IL-MALTI





## Minn Caxaro sa Aquilina

*Ħarsa lejn uħud mix-xogħlijiet u l-persunaġġi ewlenin li ħadmu għall-iżvilupp tal-Malti tul is-sekli.*

ŻJARA EDUKATTIVA FIL-BIBLIJOTEKA NAZZJONALI

**KTEJJEB BIT-TWEĠIBIET** (V. 3)

# Il-Biblijoteka Nazzjonali



Il-bini tal-Biblijoteka Nazzjonali jinsab f' Misraħ ir-Repubblika jew, kif inhi magħrufa ma' ħafna Maltin, Pjazza Reġina. Bdiet tinbena fl-1776 taħt il-Gran Mastru De Rohan minħabba li l-post fejn kienu jinżammu l-kotba u dokumenti oħra fil-Belt ma kienx kbir biżżejjed għall-ammont ta' kotba li kien hemm. Il-binja tlestiet fl-1796 u hija l-aħħar waħda tal-Kavallieri f'pajjiżna.



Il-fundatur tal-Biblijoteka kien il-Balliju Guerin de Tencin li fl-1766 ħalla kollezzjoni ta' kotba li kienet tlaħħaq id-9600 volum. Biex il-kollezzjonijiet tpoġġew kollha fil-bini l-ġdid għaddew is-snin, u kien biss fl-1812 (fi żmien l-Ingliżi) li l-Biblijoteka nfetħet uffiċjalment. Bil-liġi żewġ kopji ta' kull pubblikazzjoni stampata f'Malta jridu jingħataw lill-Biblijoteka Nazzjonali.





## 1. **Pietru Caxaro** - *Il-Kantilena* (c. 1450)

*Il-Kantilena* hija l-ewwel kitba li għandna bil-Malti u għandha l-forma ta' poeżija. Kitibha Pietru Caxaro fis-seklu ħmistax u għalhekk miktuba b'Malti Medjevali.

### *Il-Kantilena – Pietru Caxaro*

*Xidew il-qada, ja ġireni, tale nħadditkom,*

*Ma nsab fil-weri u la nsab f'għomorkom*

*Qalb m'għandha ħakem, sultan u le mula*

*Bir imgħammiq irmietni, b'turġien muħsula,*

*Fejn, ħajran għall-għarqa, ninżel f'tiraġ minżeli*

*Nitla' u narġa' ninżel dejjem f'baħar il-għali.*

*Waqgħet hi, imrammti, l'ili żmien nibni,*

*Ma ħtatlix mgħallmin, 'mma qatagħli tafal merħi;*

*Fejn tmajt insib il-ġebel sibt tafal merħi;*

*Waqgħet hi, imrammti.*

*Waqgħet hi, imrammti; niżżlet hi s-sisien;*

*Ma ħtatlix l-imgħallmin, 'mma qatgħetli l-ġebel;*

*Fejn tmajt insib il-ġebel sibt tafal merħi*

*Waqgħet hi, mrammti, l'ili żmien nibni.*

*U hekk waqgħet hi, imrammti! U erġa' ibniha!*

*Biddillha inti l-imkien illi jewtiha.*

*Min ibiddel l-imkien ibiddel il-vintura;*

*Għaliex l-iradi għal kull xiber sura:*

*Hemm art bajda, u hemm art sewda u ħamra.*

*Aktar minn hedawn hemm trid minnha tmarra.*

## 2. **Hieronymus Megiser** - *Propugnaculum Europae* (1610)

Din hi x'aktarx l-eqdem lista ta' kliem bil-Malti ppubblikata. Hieronymus Megiser kien vjaġġatur Ġermaniż li żar Malta fl-1588 u tant interessatu li kiteb ktieb dwarha. Fih ħallielna lista ta' 121 kelma bil-pronunzja kif ħassha hu. Il-ktieb li fih dehret il-lista ħareġ għall-ewwel darba fl-1606. L-edizzjoni għall-wiri hija tal-1610.


14 Beſchreibung

| | |
|---|---|
| 50. Chamſin | Funffzig/ |
| 60. Setin | Sechzig/ |
| 70. Scbei | Siebenzig/ |
| 80. Sfremi | Achzig/ |
| 90. Diſchin | Neunzig/ |
| 100. Mia | Hundert/ |
| 200. Metein | Zweyhundert/ |
| 300. Flehmia | Dreyhundert/ |
| 400. Herbamia | Vierhundert/ |
| 500. Chamſmia | Fünffhundert/ |
| 1000. Elf, | Tauſendt/ꝛc. |

F'paġna 14 Megiser jagħti n-numri bil-Malti fuq ix-xellug u bil-Ġermaniż fuq il-lemin. Liema numru bil-Malti għadna niktbuh illum kif kitbu Megiser 400 sena ilu?

Elf



## 3. Giovanni Francesco Bonamico

*Mejju Ġie bil-Ward u ż-Żahar* (c. 1672)

Għal ħafna snin kienet meqjusa bħala l-eqdem poeżija bil-Malti.

Innota sew il-manuskritt ta' Bonamico u kompli r-raba' strofa ta' ***Mejju Ġie bil-Ward u ż-Żahar***. Ikteb bil-Malti tal-lum.



*Int il-ferħ u* hena *tagħna*
*Cotoner* dawl *ta' għajnejna*
*Tant li s-*sema *jħallik ħdejna*
*Fl-akbar bard ikollna* s-sħana.

Ir-rima ta' din il-poeżija antika hi:

- ☐ ħielsa
- ☐ alternata (a-b-a-b)
- ☐ mbewsa (a-b-b-ċ)
- ☐ mqabbża (a-b-ċ-b)
- ☑ magħluqa (a-b-b-a)

## 4. Ġan Franġisk Agius De Soldanis

*Della Lingua Punica* (1750)

De Soldanis stampa din il-grammatika f'Ruma bit-Taljan.

F'paġni 110 u 111, De Soldanis jagħti x-xhur bit-Taljan u bil-Malti fuq il-lemin. Ikteb dawn ix-xhur kif ngħiduhom bil-Malti tal-lum.



| | |
|---|---|
| Meiù - Mejju | Giġnu - Ġunju |
| Giġnet - Lulju | Sciahàr e salib* - Settembru |
| Imbèr - Novembru | Cimbèr - Diċembru* |

*F'dan ix-xahar il-Knisja tiċċelebra l-Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib.

## 5. Ġan Piet Franġisk Agius De Soldanis

*Apoftegmi e Proverbii Maltesi* (c. 1750)

Ġabra li fiha 387 qawl. De Soldanis kien l-ewwel studjuż li ġabar dawn is-sentenzi qosra mimlijin għerf missirijietna.

Il-qawl Malti llum jgħid: "**Kelb li jinbaħ ma jigdimx.**"

Kif kien dan il-qawl fi żmien De Soldanis?
Iktbu bil-Malti tal-lum.



Kelb li jinbaħ tibżax minnu.

## 6. **Dun Franġisk Wizzino** - *It-Tagħlim Nisrani* (1752)

Probabbilment dan kien l-ewwel ktieb reliġjuż miktub bil-Malti għall-Maltin. Il-ktieb hu mibni fuq mistoqsijiet u tweġibiet li jgħinu lin-Nisrani jgħix ħajja tajba.

F'paġna 16 insibu numru ta' mistoqsijiet fuq it-tagħlim Nisrani. Kompli t-tweġiba li jagħti Wizzino għall-mistoqsija: "**X'jiġifieri Nisrani?**"
Ikteb bil-Malti tal-lum.



**Dak li jemmen, u jiftakar** *il-fidi* **u** *l-liġi* **ta' Kristu.**

## 7. Ġan Piet Franġisk Agius De Soldanis

*Damma ta' Kliem Kartaġiniż Imxerred fil-Fomm tal-Maltin u l-Għawdxin* (mibdi c. 1750 - mitmum c. 1766)

Fin-naħa t'isfel ta' paġna 397, De Soldanis jagħti xi eżempji ta' tipi ta' nases. Iktibhom bil-Malti tal-lum.



**Nases**

- tal-ħut
- tjur
- firien
- ġrieden



8. **Dun Feliċ Demarco** - *Żwieġ la Maltija* (1760)

*Żwieġ la Maltija* hi l-ewwel qarċilla miktuba għall-karnival.

Kompli din l-istrofa mill-***Qarċilla*** ta' Dun Feliċ Demarco tal-1760. Jekk trid għandek l-oriġinal biex 'tgħinek'.



*Ukoll tagħmillu patt*

*illi l-għarusa hija tewmija*

*u minn wara ftit ħotbija,*

*widnejha naqra qsar*

*jixbhu lil tal-ħmar*

*u ħalqha nitfa kbir*

*geddumha bħal tal-ħanżir*

*Imneħirha daqs l-Imdina*

*li f'wiċċha jagħmlilha żina.*



9. **Mikiel Anton Vassalli**

*Ktieb il-Kliem Malti* – il-*Lexicon* (1796)

*Ktieb il-Kliem Malti* (jew il-*Lexicon*) huwa l-ewwel dizzjunarju stampat bil-Malti.

Fid-dizzjunarju tiegħu Vassalli inkluda kunjomijiet u rħula Maltin. Minn paġna 58 sib kunjom u isem ta' rħajjel viċin iż-Żurrieq. Ikteb bil-Malti tal-lum.



**Il-kunjom:** Psaila / Buttigieg

**L-irħajjel:** Bubaqra

10. **Francesco Vella** - *Ktieb il-Qari* (1824)

Probabbilment dan huwa l-ewwel ktieb stampat kollu bil-Malti.

F'paġna 9, Vella jagħti lista ta' kliem b'żewġ sillabi. Ikteb il-ħames kelmiet li jibdew bil-'ħ' kif kitibhom Vella.



| | | |
|---|---|---|
| ha-bib | hu-ta | has-sa |
| hel-ua | h'a-ruf | |

X'differenza qed tinnota bejn l-ewwel erba' kelmiet u l-aħħar waħda?

Il-Malti kien jiddistingwi bejn żewġ tixejjes differenti ta' ħ.

11. **Mikiel Anton Vassalli**

*Grammatica della Lingua Maltese* (1827)

Din hi t-tieni grammatika ta' Vassalli u kienet aktar aċċessibbli għall-pubbliku għax stampaha bit-Taljan



Fil-grammatika tiegħu Vassalli jitkellem fid-dettall fuq il-verbi li jsejħilhom "**Seconda Specie**." Ikteb tliet verbi li jagħti Vassalli f'paġna 69 u li għandhom konsonanti doppja fin-nofs.

| | | |
|---|---|---|
| qassam | daħħal | baħħar |

*Ta' liema forma, kif nafuha llum, taħseb li huma dawn il-verbi?*

Tat-Tieni Forma

12. **Mikiel Anton Vassalli**

*Motti, Aforismi e Proverbi Maltesi* (1828)



Ikteb bil-Malti tal-lum, il-qawl numru 100 li jagħti Vassalli.

Il-baħar żaqqu ratba u rasu iebsa bħal ħatba.

X'differenza tinnota minn kif ngħiduh illum?

Illum ma nużawx "bħal ħatba."

Xi jfisser dan il-qawl?

Il-baħar m'għandekx tafdah anke meta jkun kalm u bnazzi.

## 13. **Ludovik Mifsud Tommasi** - *Il-Kurunelli* (1835)

Ludovik Mifsud Tommasi (1795-1879) kien qassis, edukatur u poeta. Beda jistampa l-kurunelli u talb ieħor bil-Malti mis-sena 1835 'il quddiem. Il-kurunelli kienu talbiet miktuba forma ta' poeżija, maħsubin bħala tifħir lil xi qaddis u kienu jitqassmu f'fuljetti fil-festi.

## 14. ***L-Arlekkin jew Kawlata Ingliża u Maltija***

Wieħed mill-ewwel ġurnali Maltin (1838)

Tnejn mill-ewwel poeżiji stampati bil-Malti, *L-Imħabba u Fantasija* u *Sunett* dehru f'dan il-ġurnal.

## 15. ***Bertoldu*** - ġurnal (1839 – 1861)

Dan kien wieħed mill-ewwel ġurnali bil-Malti li bdew joħorġu wara l-għoti tal-libertà tal-istampa. Kien jieħu ħsiebu Dun Ġużepp Zammit, magħruf ukoll bħala 'Brighella', mill-isem tal-ġurnal bit-Taljan li kien joħroġ fl-istess żmien.

X'tip ta' fuljett kien il-ġurnal '**Bertoldu**' tal-1861?

Ikteb bil-Malti tal-lum.



buffu, serju, kritiku, satiriku, politiku u liberali

## 16. ***Il Filologo Maltese*** - ġurnal (1841)

*Il Filologo Maltese* kien ġurnal maħruġ minn Dun Salvatore Cumbo ddedikat għall-istudju tal-Malti.

## 17. **Ġan Anton Vassallo** - *Għall-Kitarra* (1851)

Għal ħafna snin ***Tifħira lil Malta*** ta' Ġan Anton Vassallo kienet titkanta bħala l-innu nazzjonali. Kompli t-tielet strofa bl-ortografija ta' Vassallo:

*Iva il gid tad-dinja* colla

*Jena* fich*, o Malta, nara ;*

*U ghalech bil chliem, bil* chitba*,*

*Illi* infahhreck *ghandi 'l hrara.*



Ir-rima f'din l-istrofa hija mqabbża.

## 18. **Francesco Vella** - *Dizionario Portatile* (1843)

Vella ħareġ dan id-dizzjunarju għax kien jemmen li mingħajr kotba tal-grammatika u dizzjunarji l-Malti miktub qatt ma seta' jimxi 'l quddiem.

Bil-Malti tal-lum ngħidu "aqwa". Kif kien jinkiteb u jingħad il-komparattiv ta' "qawwi" fl-1843 meta ħareġ id-dizzjunarju?



Akua

Dan juri li l-'q' tal-lum kienet pronunzjata k

Innota li l-ħoss 'k' bħal fil-kliem kelb u kitba, kien jinkiteb 'ch', a la Taljana.

***kelb - chelb*** ***kitba - chitba***

## 19. Il-*Giaħan* - ġurnal (1846)



**Il-Giaħan** kien ġurnal satiriku maħruġ mill-Bormliż Richard Taylor. Fil-ħarġa numru 28 u fil-ħames ħarġiet ta' wara, Taylor ippubblika sett ta' poeżiji awtobijografiċi li sejħilhom **Il-Ħajja u l-Vinturi ta' Giaħan**. Mill-ewwel għaxar versi sib id-data tat-twelid ta' Richard Taylor.

| Il-jum: | Ix-xahar: | Is-sena: |
|---|---|---|
| 28 | ta' Marzu | 1818 |

## 20. **Luigi Rosato** - *Katarina* (1847)

Luigi Rosato hu magħruf l-aktar bħala drammaturgu (kittieb tal-palk). Hu kien l-ewwel wieħed li uża l-Malti fil-kitba tad-drammi.

## 21. **Paolo Pullicino** - *Tagħlim il-Qari Malti Miktub għat-Tfal tal-Iskejjel* (1852)

Il-Kanonku Paolo Pullicino kien Spettur tal-Iskejjel Primarji bejn l-1850 u l-1880. Hu stinka biex iġib aktar dixxiplina fl-iskejjel u jtejjeb il-livell tat-tagħlim.

F'paġna 26 l-awtur jagħti tagħrif qasir dwar Malta u Għawdex. Skont hu: F'Malta hemm ħamest ibliet u erbgħa u għoxrin raħal.



F'Għawdex hemm belt waħda u ħamest irħula .

Il-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex kienet ta' mija u għoxrin elf.

22. **Ġan Anton Vassallo**

*Poesie Maltesi ad Uso delle Scuole Primarie* (1853)

L-għan ta' din il-ġabra kien li tgħin lit-tfal jipperfezzjonaw fil-qari bil-Malti u fl-istess ħin tiġbidhom aktar lejn ilsien art twelidhom.

L-epika ***Il-Ġifen Tork*** hija poema erojka maqsuma fi tliet partijiet. It-tieni parti jisimha **It-Taqtigħa u l-Ħarba** u t-tielet parti jisimha **Il-Wegħda**. X'jisimha l-ewwel taqsima? Ikteb bil-Malti tal-lum.



Il-Ftehima u l-Għaqda

Mit-tieni strofa sib x'jissejħu l-Kavallieri. Ikteb bil-Malti tal-lum.

Ulied San Ġwann

23. **Ġan Anton Vassallo** - *Ħrejjef u Ċajt bil-Malti* (1863)

Vassallo jinqeda bil-poeżija biex joħloq aspetti morali u jgħallem. Il-poeżija tiegħu forma ta' ħrafa li xi drabi l-protagonisti tagħha huma annimali ppersonifikati u li minnha nieħdu tagħlima li tiswielna tul ħajjitna.

24. **Giuseppe Folliero De Luna**

*Elvira jew Imħabba ta' Tirann* (1863)

Dan huwa l-ewwel rumanz bil-Malti ppubblikat li nafu bih.

25. **Anton Manwel Caruana** - *Ineż Farruġ* (1889)

Wieħed mir-rumanzi storiċi-romantiċi ewlenin bil-Malti. Inkiteb fl-1889 bi ġrajja ta' Malta fi żmien is-seklu ħmistax.

26. **Ġużè Muscat Azzopardi** - *Nazju Ellul* (1909)

Muscat Azzopardi spikka bħala rumanzier. *Nazju Ellul* huwa l-aħħar wieħed mir-rumanzi storiċi tiegħu u nkiteb fl-1909.

X'tip ta' rumanz hu **Nazju Ellul**?



Rumanz Storiku

Liema perjodu mill-istorja ta' pajjiżna jittratta dan ir-rumanz?

Żmien il-Franċiżi

27. ***Il-Ħabib*** - ġurnal (1912)

Ġurnal bil-Malti li kien joħroġ kull nhar ta' Ħamis bl-ewwel ħarġa tkun fl-1 ta' Frar, 1912. L-editur tiegħu kien Ġużè Muscat Azzopardi.

L-ewwel poeżija li qatt ippubblika Dun Karm tinsab f'paġna 3 tal-ewwel ħarġa tal-gazzetta ***Il-Ħabib*** jisimha

Quddiem Xbieha tal-Madonna

u kitibha fil-11 ta' Jannar 1912.



Il-poeżija fiha sitt strofi u l-vers hu

endekasillabu / tal-ħdax.

28. ***Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien Nru 140*** (1914)

Fis-sena 1914 is-Sur Alfons Marija Galea ppubblika ħmistax-il poeżija ta' Dun Karm fil-ktejjeb ***L-Ewwel Ward*** jew ***Ġemgħa ta' Poeżijiet li Ktibt bil-Malti***.

Kemm kien il-prezz tal-ewwel ġabra ta' poeżiji ta' Dun Karm, ippubblikata fl-1914 u fejn kienet stampata?

| | |
|---|---|
| i. Sold | ii. Stamperija ta' Malta, 16, Triq Żekka, il-Belt |



29. **Ġużè Muscat Azzopardi**

*L-Evanġelju Mqaddes* (1895/1914)

Fl-1895 Muscat Azzopardi, bil-kunsens tal-Isqof u bil-barka tal-Papa, qaleb għall-Malti l-Vanġelu ta' San Mattew.

30. **Antonio Cremona** - *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924)

Bis-saħħa ta' dan il-manwal intemm it-taħwid fil-kitba tal-Malti u tfassal alfabett li għadu jgħodd sal-lum.

L-ewwel taqsima tal-ktieb, ***Tagħrif fuq il-Kitba Maltija***, titħaddet fuq l-ortografija u hi maqsuma f'għaxar irjus (jiġifieri partijiet jew kapitli).



31. ***Il-Malti*** - *Ir-rivista tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* (1925)

Min kien l-editur/direttur tar-rivista ***Il-Malti***?

| |
|---|
| Ġużè Muscat Azzopardi |



Min kellu xi kitba jew ħwejjeġ oħra marbuta mal-Malti ried jibgħathom lil F. S. Caruana, 19, Strada Reale, Il-Belt Valletta.

32. **E.B.Vella** - *Ġabra ta' Ward* (1930)

Fit-tletinijiet Vella ppubblika sensiela ta' kotba ta' qari għal kull sena tal-iskejjel primarji, bl-isem *Ġabra ta' Ward*. Din is-sensiela damet tintuża fl-iskejjel sas-snin sittin tas-seklu l-ieħor.

33. **Juann Mamo**

*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika* (1930)

Inkiteb bl-iskop li jagħti stampa tal-qagħda soċjali tal-Gżejjer Maltin ta' żmienu.



Imla l-vojt bil-Malti tal-lum.
***Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*** hu rumanz Malti, Satiriku-Deskrittiv, Semi-Politiku ta' żminijietna.

Kien stampat fi Triq Kristofru, il-Belt.

34. ***Leħen il-Malti***

*Ir-rivista tal-Għaqda tal-Malti – Università* (1931)



Minn Diċembru 1932, fil-qoxra ta' kull ħarġa kien jinkiteb ħsieb qasir dwar il-Malti. X'kien il-ħsieb li deher fil-qoxra tal-ħarġa numru 29 ta' Lulju 1933?

Jekk ma tħobbx ilsien artek, ilsien min tħobb?

35. **Dun Karm Psaila** - *L-Oqbra* (1936)

Dun Karm ittraduċa l-poeżija *L-Oqbra*, waħda mill-isbaħ poeżiji bit-Taljan, għal Malti tajjeb u mirqum. Huwa għamel dan biex juri l-qawwa u l-espressività tal-Malti u biex jipprova li bi lsienna tista' tfisser ħsibijiet għolja u raffinati.

36. **Antonio Cremona** - *Il-Fidwa tal-Bdiewa* (1936)

Dan id-dramm huwa meqjus bħala l-aqwa biċċa xogħol letterarju ta' Cremona.

## 37. **Ġużè Aquilina / Pietru Pawl Saydon**

*Ward ta' Qari Malti* (1936)

L-ewwel antoloġija rappreżentattiva u sistematika tal-letteratura Maltija ppubblikata fl-1936.

Fil-messaġġ lill-qarrejja Saydon u Aquilina jindirizzaw liż-żgħażagħ Maltin. Dan hu l-aħħar paragrafu. Imla l-vojt fejn meħtieġ.



La tmaqdrux il-Malti, għax il-Malti tagħkom, il-Malti ħajjitkom: jekk tarawh dgħajjef agħdruh, ħaddmuh, qawwuh, biex aktar iħaddar il-ġnien tal-kitba Maltija, aktar jiżżewwaq bi nwar sbieħ u aktar jitfewwaħ b'irwejjaħ ħelwa.

## 38. **Antonio Cremona**

*Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu* (1937)

Din il-kitba dwar il-ħajja ta' Vassalli hija fost l-aktar dokumentati u forsi l-aktar waħda importanti. Kienet dehret biċċa biċċa f'*Il-Malti* bejn l-1932 u l-1937.

Il-kelma li turina li dan il-ktieb huwa dwar il-ħajja ta' M. A. Vassalli hi | bijografija |



## 39. **Dun Karm Psaila** - *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* (1938)

Miktuba fl-1938. Hi meqjusa bħala x-xogħol ewlieni tal-poeta nazzjonali u tal-letteratura Maltija.

X'kelma juża Dun Karm flok poeżija taħt it-titlu ***Il-Jien u Lil Hinn Minnu?*** | għanja |



40. **Ġużè Aquilina** - *Taħt Tliet Saltniet* (1938)

L-istorja tar-rumanz hija dwar l-imħabba ta' bejn iben baronessa u tfajla bidwija bi sfond storiku ta' dak li kien qed jiġri fi żmien il-Kavallieri, il-Franċiżi u l-Ingliżi.

41. **Ġużè Ellul Mercer** - *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938)

Dan ir-rumanz psikoloġiku, l-ewwel wieħed tal-ġeneru tiegħu fil-letteratura Maltija, jitqies bħala l-kapulavur letterarju ta' Ellul Mercer. Fih l-awtur iħares lejn l-injoranza bħala dik li twassal għall-isfruttament.

42. **Pietru Pawl Saydon** *Il-Bibbja* (ippubblikata mis-Soċjetà tal-MUSEUM) - 1977, 1982, 1990

Saydon ittraduċa l-Bibbja għall-Malti mill-oriġinal (il-Lhudi, l-Aramajk u l-Grieg). Dan seta' jagħmlu għax kien studjuż kbir tal-ilsna Semitiċi.

43. **Joseph Aquilina**

*Maltese-English Dictionary* (2 volumi - 1987, 1990)

Fl-1987 ħareġ id-dizzjunarju kapulavur tal-Prof. Aquilina li għadna nqisuh l-aqwa wieħed bi lsienna sal-lum.

Il-Malti huwa lingwa waħda mħallta u sħiħa. Għandu bażi Semitika u stabbilita. Ir-Rumanz u l-Ingliż matul is-sekli ntisġu ftit ftit mal-Għarbi. Dan hu rifless ukoll fil-grammatika. Eżempju ċar huwa l-verb ***serrep***. Dan għaliex minkejja li għandu l-binja ta' verb Semitiku tat-Tieni Forma ġej mill-kelma Taljana serpe / serpente.






# Il-Proċess ta' Diġitizzazzjoni fil-Biblijoteka Nazzjonali

Fil-Biblijoteka Nazzjonali nsibu bosta dokumenti li, jew huma fraġli ħafna, bħal ngħidu aħna gazzetti tas-seklu 19, jew li huma ta' valur imprezzabbli, bħal ngħidu aħna, il-ktieb ta' Nostradamus jew dokumenti oħra ta' importanza storika kbira. Biex dawn il-pubblikazzjonijiet ikunu protetti u mħarsa, fil-Biblijoteka Nazzjonali beda jitħaddem il-proċess ta' diġitizzazzjoni. F'dan il-proċess jittieħed ritratt tad-dokument, isirlu l-editjar u l-katalogar meħtieġ, u wara jittella' online ħalli jkun aċċessibbli għal riċerkaturi mid-dinja kollha. Il-proċess ta' diġitizzazzjoni mistenni jibqa' sejjer għal snin twal, ħalli xi darba, kull dokument ta' valur fil-Biblijoteka Nazzjonali jkollu l-kopja diġitali tiegħu li tassigura li jkun jista' jibqa' jitgawda għal sekli twal oħra. Dan huwa l-indirizz elettroniku biex tara x'dokumenti ttellgħu fis-sit tal-Biblijoteka: **http://www.digivault.maltalibraries.gov.mt/**

